# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 5

Il-Ġimgħa, 30 ta' Awwissu, 2024

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, f'12:00pm.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Abigail Micallef – Viċi Sindku
Horace Vella – Kunsillier
Jonathan Mercieca - Kunsillier

SKUŻATI:

Frankie Attard – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa. Huwa qal li llum iltqajna sabiex nitkellmu dwar l-attivita' 'Għad-Dell tal-Akwadott' li saret is-Sibt, 24 ta' Awwissu 2024.

Is-Sindku rringrazzja lill-għaqdiet kollha li nvolvew ruħhom fl-attivita' u qal li kienet attivita' tajba ħafna u gawdew ukoll l-għaqdiet minnha. Madanakollu, irridu naraw xi jrid jitranġa jekk jerġa' jsir il-ħsieb li terġa' tittella'. Huwa qal li sal-aħħar moment kien hemm iċ-ċans li din l-attivita' titħassar kollha imma ħadna l-pariri kollha meħtieġa u mexxejna. Huwa qal li kif ġie diskuss fil-laqgħa li għaddiet, qabbadna esperti biex jiċċertifikaw ix-xogħol, jiġifieri kemm ix-xogħol tan-nar u anke dak ta' equipment. Is-Sindku qal li min naqas irid iħallas u se jsiru l-penali skond il-proċeduri meħtieġa u skond kif se niġu ggwidati.

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-korrispondenza kollha pprintjata fuq il-mejda u spjegat email b'email x'ġara matul dawn l-aħħar jiem fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-attivita'. Fost il-korrispondenza kien hemm korrispondenzi mingħand Dr Joseph Grech, Dr Jonathan Mitoff, Dr Joshua Grech, Ronnie Dimech (Power Sound) u d-Dipartiment tal-Kuntratti.

Il-laqgħa ntemmet fin-12.30pm.

| | |
|---|---|
| Mario Azzopardi | Marianne Sagona |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |